MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta ta' l-1 ta' Marzu, 2006

Appell Civili Numru. 5/2005

**Valerio Valente**

**vs**

**Direttur tas-Sigurta` Socjali**

**Il-Qorti,**

Fl-20 ta' Lulju, 2005, l-Arbitru ppronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"L-Arbitru, wara li sema' l-ispjegazzjonijiet moghtija mill-appellant jirrizulta li huwa ma kienx ghamel l-applikazzjoni ghal Pensjoni ta' l-Eta` izda biss applika ghal Pensjoni Kontributorja.

Fic-cirkostanzi, l-Arbitru jichad l-appell, b' dan pero` li jitlob lid-Direttur sabiex jerga' jikkonsidra t-talba ghall-arretrati u dan minhabba l-fatt illi sa minn meta ghalaq il-wiehed u sittin (61) sena l-appellant dejjem segwa l-kaz u ghamel

dak kollu li gie mitlub u certament ikun ukoll applika ghall-Pensjoni ta’ l-Eta` kieku d-dipartiment fetahlu ghajnejh dwar is-sitwazzjoni, haga li huwa fid-dover li jaghmel fic-cirkostanzi tal-kazi partikolari.”

L-appell ta’ Valerio Valente kontra d-decizjoni ta’ l-Arbitru hu bazat fuq il-kontenzjoni illi meta gie biex jirtira huwa ma giex gwidat sew mill-impjegat fid-Dipartiment tas-Sigurta` Socjali bil-konsegwenza li dakinhar ma kienx applika ghall-Pensjoni ta’ l-Eta` (AP) kif suppost imma ghall-Pensjoni Kontributorja;

Fl-ewwel udjenza rizervata ghas-smigh il-Qorti giet informata illi d-Direttur appellat uniforma ruhu ghar-rakkomandazzjoni ta’ l-Arbitru u l-appellanti rceva l-hlas ta’ l-arretrati tal-pensjoni. Jigi allura li l-meritu ta’ l-aggravju interpost jinsab ezawrit. B’ danakollu l-kontendenti insistew ghad-decizjoni minn din il-Qorti dwar il-kap ta’ l-ispejjez. Li jfisser allura li din il-Qorti xorta wahda jkollha tinvestiga l-meritu u tiddeciedi dwaru biex tara minn mill-partijiet ghandu jbati dawn l-ispejjez;

Ghal dak li jiswa, mill-attijiet tal-kaz quddiem l-Arbitru jistghu jigi senjalati dawn il-fatti:-

(1) Fil-petizzjoni ta’ l-appell tieghu lill-Arbitru l-appellanti jghid li meta wasal fl-eta` tal-pensjoni (61 sena) huwa applika ghall-pensjoni ta’ l-irtirar pero` avza lid-Dipartiment li kien behsiebu jkompli jahdem sa l-eta` ta’ 65 sena;

(2) Jirrizulta li l-appellant applika ghall-pensjoni mhux kontributorja fis-17 ta’ Novembru 2004. Id-Dipartiment laqa’ din l-applikazzjoni u l-appellant beda jibbenefika mill-hlas tal-Pensjoni ta’ l-Eta` (AP) b’ effett mill-20 ta’ Novembru 2004;

(3) L-appellant ippretenda li hu kellu jinghata din il-pensjoni minn meta ghalaq il-hamsa u sittin (65) sena,

jigifieri mid-19 ta' Lulju 2003. Id-Direttur appellat ma qabelx ma' dan ghar-raguni li l-appellant naqas milli japplika formalment skond id-dettami ta' l-Artikolu 97 ta' l-Att dwar is-Sigurta` Socjali (Kapitolu 318);

Fit-termini tal-precitat Artikolu 97 jinghad li hi pre-kondizzjoni tal-jedd ta' persuna ghal xi wiehed mill-beneficcji, pensjoni, *allowance* jew ghajnuna preskritti fl-Att illi hu jressaq talba ghaliha fuq il-formula stabbilita jew b' xi mod iehor ghall-kunsiderazzjoni mid-Direttur ta' talba bhal din. Bhal f' bosta attijiet jew talbiet taht ligijiet ohra anke talba simili hi regolata bil-fattur zmien. Fil-kaz ta' talba ghall-Pensjoni ta' l-Eta` iz-zmien dwarha li fih trid tkun ufficcjalment ricevuta mid-Dipartiment hu dak ta' hamest ijiem li jibdew jghoddu mill-jum li dwarha ssir it-talba;

Il-provvediment imsemmi tal-ligi jahseb ukoll f' zewg *provisos* tieghu ghal dawn is-sitwazzjonijiet:-

(1) Fil-kaz li ma ssir ebda talba fil-limiti taz-zmien fuq indikat id-dritt ghal Pensjoni bhal dik jibda jghodd biss mill-jum li fih it-talba relattiva tkun accettata mid-Direttur bhala li tkun ufficcjalment ricevuta mid-Dipartiment;

(2) Fejn l-applikant jipprova li kull dewmien li kellu biex it-talba tieghu tkun ufficcjalment ricevuta mid-Dipartiment ma kienx dovut minhabba xi negligenza tieghu, id-Direttur jista', fid-diskrezzjoni tieghu jikkonsidra t-talba bhala li tkun giet ufficcjalment ricevuta fil-hin;

Minn dan premess, jidher li l-Artikolu 97 hu mahsub biex jipprovdi dwar il-mod u z-zmien ta' kif issir talba ghall-ewwel darba ghall-beneficcju ntiz li jigi ricevut mill-applikant. Huwa sintomatiku wkoll illi fil-kaz ta' nuqqas ta' talba fiz-zmien prefiss jew f' kaz ta' dewmien l-istess artikolu jipprovdi ghat-tnaqqis fil-konsegwiment u l-effett tal-beneficcju jew tal-pensjoni aspettata. Irid jinghad ukoll illi ghar-recezzjoni tad-dritt tal-pensjoni mhux sufficcjenti il-kwalifika ghaliha ta' dak li jinsab definit fil-kelma "jirtira"

taht l-Artikolu 2 ta’ l-Att, ossija d-data ta’ meta l-persuna tieqaf tahdem jew tilhaq l-eta` ta’ 65 sena, skond liema tigi l-ewwel. *Ad substantiam*, il-ligi tirrikjedi wkoll il-formalita` ta’ l-applikazzjoni, ex-Artikolu 97 ta’ l-Att;

Affermat dan, ghandu jigi osservat ukoll in linea generali illi skond l-Artikolu 132 tal-Kapitolu 318, l-amministrazzjoni ta’ l-Att hi affidata fid-Direttur. Fir-realta` tali amministrazzjoni hi mhaddma mill-ufficcjali u mpjegati tad-Dipartiment. Dan qed jigi rilevat in kwantu, fil-fehma konsiderata ta’ din il-Qorti, l-addetti mad-Dipartiment koncernat ghandhom funzjoni mportanti hafna x’ jaqdu fis-socjeta`. Huma mistennija fl-amministrazzjoni ta’ l-Att, u biex verament, fil-prattika, jigi applikat tassew il-kuncett tal-“*customer care*” li wiehed jaspira dejjem ghalih, illi joffru l-assistenza pjena lic-cittadini li jirrikorru ghandhom, permezz ta’ pariri siewja u gwida tajba, ghall-assikurazzjoni u ksib meritevoli ta’ l-ahjar beneficcju jew pensjoni kontemplati mill-Att. A propozitu, gie ritenut *obiter* f’ dan il-kuntest illi “ghandu jkun principju indiskuss ta’ ‘*good governance*’ illi l-amministrazzjoni pubblika tassumi responsabilita` ghall-izbalji ossija nuqqasijiet ta’ l-ufficcjali kompetenti inerenti fl-ezercizzju tal-funzjonijiet taghhom u tidhol biex taghmel tajjeb ghall-konsegwenzi” - “**Joseph Farrugia -vs- Direttur tas-Sigurta` Socjali**”, Appell, 29 ta’ Mejju 2000;

L-appellanti jinsisti illi huwa ma giex gwidat kif jixraq fil-mument meta gie biex jaghlaq il-65 sena u konsegwenza ta’ hekk huwa gie li tilef il-jedd ghall-arretrati tal-pensjoni ta’ l-eta` ghall-perijodu minn meta ghalaq 65 sena sad-data minn meta gie determinat li hu kellu jibda jircievi l-hlas effettiv taghha;

Din il-Qorti tinnota qabel xejn illi mill-atti ma tezisti ebda prova konkreta li ssostni din l-allegazzjoni. Trid tirregistra wkoll illi fl-amministrazzjoni ta’ l-Att id-Direttur kien mistenni fic-cirkustanzi li jhares l-applikazzjoni tal-ligi u jassikura wkoll, b’ dover, f’ liema kontingenzi u zmien il-

pensjoni kellha hekk tithallas lill-appellant. Naturalment ma jistax ma jigix osservat ukoll illi l-Att f' diversi disposizzjonijiet tieghu jipprovdi kemm ghall-imposizzjoni ta' obbligi fuq id-Direttur (ad ezempju, Artikolu 59 fil-kaz ta' revizjoni annwali ta' kull pensjoni) kif ukoll ghall-ezercizzju tad-diskretiva affidata lilu b' attribuzzjoni mill-istess Att (ad ezempju, Artikolu 97). Diskrezzjoni din li ghalkemm soggettiva trid tigi ezercitata b' mod gust u sewwa skond ic-cirkustanzi li jkollu quddiemu, u mhux necessarjament bi prekoncetti legalistici. Is-sentenza appellata, ghalkemm dan ma tghidux espressament, jidher li fil-motivazzjoni taghha tirrikorri ghal dan il-hsieb;

Tibqa' allura l-kwestjoni tar-rimedju. Jekk dak allegat mill-appellanti jikkorrispondi ghas-sewwa, u din il-Qorti, bhall-Arbitru qabilha, m' ghandhiex ghax tiddubita minn dak spjegat minnu, gjaladarba l-ligi akkordat certa diskrezzjoni lid-Direttur anke f' kaz bhal dan, kien jidher gust li t-talba tieghu kellha tircievi rikonsiderazzjoni. Ovvjament dan il-kompitu jispetta lid-Direttur appellat li jaghmlu ghax il-ligi taffida lilu fl-ewwel lok id-diskrezzjoni. Din il-Qorti tillimita ruhha biex tosserva, u dan mhux b' prerogativa specjali imma ghax il-kaz hekk jissuggerixxi, illi jekk, fl-apprezzament, il-fattispeci jwasslu ghad-deduzzjoni li tissodisfah illi ma kien hemm xejn li jimporta traskuragni kolpuza jew semplici inavvertenza jew zvista jew zball da parti ta' l-appellant allura d-diskrezzjoni tieghu, skarna minn attitudni legalistika irrigidita`, ghandha tikkonducih biex jilqa' favorevolment it-talba ta' l-appellant, anke ghaliex, mhux eskluz, fil-kontingenzi zvarjati tal-hajja, illi l-appellant tabilhaqq gie misgwidat minn impjegat jew impjegati tad-Dipartiment;

Maghdud dan, din il-Qorti ma tistax ma tinnotax illi d-Direttur appellat ezercita din id-diskrezzjoni u ghaddha biex ikkonsegwa r-rakkomandazzjoni li saritlu mill-Arbitru. Kien forsi jokkorri aktar illi kieku d-Direttur ghamel d-decizjoni tieghu bl-uzu ta' dik l-istess diskrezzjoni *ex lege*, u mhux in forza ta' rakkomandazzjoni *ex post facto* id-decizjoni ta' l-Arbitru. Minn naha l-ohra l-Qorti ma tistax

tinjora l-fatt illi, forsi wkoll, teknikament l-appellanti ma kellux ragun.

Ghal dawn il-motivi, filwaqt li tiddikjara li l-mertu illum jinsab ezawrit bl-akkoljiment mid-Direttur tar-rakkomandazzjoni ta’ l-Arbitru, hu gust u xieraq, in bazi ghal dak li nghad hawn fuq, illi l-ispejjez gudizzjarji jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------